



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 7.4.2021
C(2021) 2499 final

Sur President,

Il-Kummissjoni tixtieq tiringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni tagħha dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea {COM(2020) 682 final}.

Prijorità tal-Kummissjoni hija li niżguraw li l-ħaddiema fl-UE jiġu mħarsa permezz ta' pagi minimi adegwati, u hija parti mill-ambizzjoni tagħha għal ekonomija għas-servizz tan-nies. Meta pproponiet din id-Direttiva, il-Kummissjoni kienet qed twettaq l-impenn tal-President Ursula von der Leyen fil-Linji Gwida Politiċi tagħha għall-2019–2024, u kien pass importanti lejn l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li ġie pproklammat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni f'Novembru 2017.

L-għoti ta' impjiegi li joffru paga adegwata huwa essenzjali biex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ta' ħidma u għajxien adegwati għall-ħaddiema u għall-familji tagħhom, u biex jinbnew ekonomiji ġusti u reżiljenti u jiġi appoġġat it-tkabbir inklużiv.

Id-Direttiva proposta għandha l-għan li tiżgura li l-ħaddiema fl-Unjoni jkunu mħarsa permezz ta' pagi minimi adegwati li jippermettu għajxien deċenti, kull fejn jaħdmu. Għal dan il-għan, il-proposta tistabbilixxi qafas biex tittejjeb l-adegwatezza tal-pagi minimi u biex il-ħaddiema jkollhom aktar aċċess għall-protezzjoni tal-paga minima. Dawn l-għanijiet huma rilevanti kemm għas-sistemi tal-paga minima statutorja kif ukoll għal dawk li jiddependu fuq in-negozjar kollettiv.

Sabiex dawn l-għanijiet jintlaħqu, il-proposta għandha l-għan li tippromwovi n-negozjar kollettiv tal-pagi fl-Istati Membri kollha. In-negozjar kollettiv għandu rwol ewlieni għal protezzjoni tal-paga minima adegwata. Għall-pajjiżi li fihom jeżistu pagi minimi statutorji, id-Direttiva proposta għandha l-għan li tiżgura li l-Istati Membri jistabbilixxu

*Anġlu FARRUGIA
President tal-Kamra tar-Rappreżentanti
Il-Parlament ta' Malta
Misraħ il-Ħelsien
MT - IL-BELT VALLETTA VLT1010*

l-kundizzjonijiet biex il-pagi minimi statutorji jiġu stabbiliti f'livelli adegwati. Fl-aħħar nett, il-proposta għandha l-għan li tippromwovi l-konformità, u li ssaħħaħ l-infurzar u l-monitoraġġ fl-Istati Membri kollha, sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jibbenefikaw minn aċċess effettiv għall-protezzjoni tal-paga minima u n-negozji jkunu jistgħu jibbenefikaw minn kompetizzjoni ġusta.

Id-Direttiva proposta għandha rispett sħiħ lejn il-kompetenzi nazzjonali u l-awtonomija tal-imsieħba soċjali. Il-proposta ma tippurvax tarmonizza l-livell tal-pagi minimi fl-UE, u lanqas ma tipprova tistabbilixxi mekkaniżmu uniformi biex jiġu stabbiliti l-pagi minimi fl-Istati Membri kollha. Il-protezzjoni tal-paga minima tkun tkompli tiġi pprovduta permezz ta' ftehimiet kollettivi liberalment innegozjati jew permezz ta' dispożizzjonijiet legali.

Id-Direttiva proposta tagħti impetu mġedded għall-isforzi ta' riforma fl-Istati Membri fejn hemm il-ħtieġa li ttittejjeb il-ħidma tas-sistemi tal-iffissar tal-paga minima. Dawn l-isforzi jwettqu l-impenn tal-UE li taġġorna l-ekonomija soċjali tas-suq tagħha biex tkun adattata għall-ambizzjoni ta' tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi soċjalment ġusti, u l-wegħda ta' prosperità kondiviża fl-Unjoni.

Il-Kummissjoni tinnota t-ħassib imqajjem mill-Kamra tad-Deputati fl-Opinjoni motivata tagħha fir-rigward tar-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenza tal-UE fil-qasam tal-pagi, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 4 dwar in-negozjar kollettiv u l-Artikolu 5 dwar l-adeqwatezza tad-Direttiva proposta. Il-Kummissjoni tilqa' bi pjaċir l-opportunità li ttipprova għadd ta' kjarifiki rigward il-proposta tagħha, u temmen li dawn se jnaqqsu t-ħassib tal-Kamra tad-Deputati. Il-Kummissjoni tixtieq tirreferi għall-Anness meħmuż bi tweġiba għall-kummenti aktar tekniċi fl-Opinjoni.

Wara l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni fit-28 ta' Ottubru 2020, bdiet il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill tal-UE qed jeżaminaw il-proposta leġiżlattiva.

Il-Kummissjoni tittama li l-kjarifiki f'din it-tweġiba jindirizzaw it-ħassib imqajjem mill-Kamra tad-Deputati fl-opinjoni motivata tagħha, u tinsab ħerqana li tissokta d-djalogu politiku fil-ġejjieni.

Dejjem tiegħek,

*Maroš Šefcovič
Viċi President*

*Nicolas Schmit
Membru tal-Kummissjoni*



Il-Kummissjoni qieset bir-reqqa kull waħda mill-kwistjonijiet imqajma u tilqa' l-inkjesta li l-Kamra tad-Deputati wettqet fl-Opinjoni motivata tagħha dwar dan is-suġġett importanti. Filwaqt li l-Kummissjoni ma tikkondividix il-konklużjonijiet mil-ħuqa fl-Opinjoni, il-ħidma dettaljata li wettqet il-Kamra tad-Deputati tikkostitwixxi kontribut importanti għad-dibattitu li għaddej bħalissa.

Rigward il-punti speċifiċi li l-Kamra tad-Deputati ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwarhom, il-Kummissjoni tixtieq tagħmel il-kummenti li ġejjin.

Id-dimensjoni transfruntiera u l-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà

Filwaqt li l-protezzjoni tal-paga minima teżisti fl-Istati Membri kollha, ħafna ħaddiema fl-UE bħalissa mhumiex protetti minn pagi minimi adegwati.

Kif muri fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta¹, il-maġġoranza tal-Istati Membri qed iħabbtu wiċċhom mal-problema ta' nuqqas ta' adegwatezza u/jew kopertura suffiċjenti tal-pagi minimi, u l-azzjoni fil-livell nazzjonali ma kinitx biżżejjed biex tindirizza l-problema. L-istrumenti diġà eżistenti tal-UE, b'mod partikolari s-Semestru Ewropew, minkejja li huma ta' għajjnuna, urew li ma għandhomx il-potenzjal li jindirizzaw il-problema għalkollox.

Barra minn hekk, kif iddikjarat fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni², l-aċċess għal paga minima li tiggarrantixxi standard ta' għajxien deċenti huwa element kruċjali ta' kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati. Filwaqt li l-paga fil-livell nazzjonali taqa' b'mod inekwivoku taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, id-differenzi kbar fl-istandards għall-aċċess għall-protezzjoni tal-paga minima jaqgħu taħt il-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dawn id-differenzi joħlqu diskrepanzi sinifikanti fl-Unjoni, li jistgħu jimminaw il-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari rigward l-“iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq [...] ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' impjiegi u progress soċjali”. Għal dawn ir-raġunijiet, tali diskrepanzi jistgħu jiġu indirizzati bl-aħjar mod fil-livell tal-Unjoni.

Matul is-snin, l-Istati Membri ħadu passi biex itejbu s-sistemi tal-paga minima tagħhom, iżda l-azzjonijiet fil-livell nazzjonali spiss ma kinux biżżejjed biex jindirizzaw il-problemi eżistenti. Mingħajr azzjoni politika fil-livell tal-UE, il-pajjiżi individwali f'it li xejn se jkun inklinati li jtejbu l-iffissar tal-pagi minimi tagħhom minħabba l-perċezzjoni li dan jista' jaffettwa b'mod negattiv il-kompetittività tal-ispejjeż esterni tagħhom. Hemm ħtieġa li tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE biex titjieb l-adekwatezza tal-pagi minimi, u biex jitjieb l-aċċess tal-ħaddiema għall-protezzjoni tal-paga minima. Għalhekk, din id-Direttiva proposta timxi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stipulat fl-Artikolu 5 tat-TUE peress li dawn l-oġettivi ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri. Barra

¹ Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 3.2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-Proposta.

² Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 2 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni.

minn hekk, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, id-Direttiva proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex tiksibhom.

Billi tistabbilixxi aspettattivi ċari madwar l-Unjoni, u billi tipprovdi l-momentum neċessarju għar-riformi lejn objettivi komuni, l-azzjoni fil-livell tal-UE tista' tkun aktar effettiva mill-azzjoni fil-livell nazzjonali biex issaħħaħ is-sistemi tal-iffissar tal-paga minima u biex tiżgura li l-progress ma jkunx parzjali jew żbilanċjat fost il-pajjiżi.

L-azzjoni tal-UE dwar pagi minimi adegwati ttejjeb il-ġustizzja tas-suq tax-xogħol tal-UE, tnaqqas l-inugwaljanza fil-pagi, tippromwovi l-progress ekonomiku u soċjali u l-koeżjoni, tgħin biex titnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, u tikkontribwixxi għal konverġenza soċjali li timxi 'l fuq. Dawn l-objettivi huma stipulati b'mod ċar fit-Trattati tal-UE u huma riflessi fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Barra minn hekk, l-azzjoni tal-UE tiżgura wkoll kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku billi tgħin biex tindirizza d-differenzi kbar fil-kopertura u l-adegwatezza tal-pagi minimi li mhumiex iġġustifikati mill-kundizzjonijiet ekonomiċi sottostanti.

Limiti għall-kompetenza tal-UE skont l-Artikolu 153(5) TFUE

Kif iddikjarat fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni u fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta³, l-Artikolu 153 tat-TFUE huwa l-bażi ġuridika xierqa għal inizzjattiva tal-UE dwar pagi minimi adegwati. Peress li l-pagi, inklużi l-pagi minimi, huma komponent ewlieni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-inizzjattiva hija bbażata fuq l-Artikolu 153(1)(b) tat-TFUE dwar il-“kundizzjonijiet tax-xogħol”.

Fid-dawl ta' dan, u tal-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fir-rigward tal-Artikolu 153(5) tat-TFUE⁴, kwalunkwe azzjoni tal-UE fil-qasam tal-pagi minimi ma għandhiex tfittex li tarmonizza l-livell tal-pagi minimi madwar l-UE, u lanqas ma għandha tfittex li tistabbilixxi mekkaniżmu uniformi għall-iffissar tal-pagi minimi. Għaldaqstant, l-azzjoni fil-livell tal-UE tista' tikkonsti fit-twaqqif ta' qafas biex jiġi żgurat li s-sistemi nazzjonali tal-iffissar tal-paga minima jippermettu li l-ħaddiema jkollhom aċċess għal protezzjoni adegwata tal-paga minima, fil-forma ta' paga minima statutorja inkella ta' pagi stabbiliti fi ftehimiet kollettivi. Dan ikun jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi, u b'hekk iħalli kemm jista' jkun lok għal deċiżjonijiet nazzjonali biex l-Istati Membri jkun jistgħu jqisu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi nazzjonali tagħhom u l-partikolaritajiet tas-sistemi tal-iffissar tal-paga minima tagħhom. Dan l-approċċ ma jinterferix mal-kompetenza tal-Istati Membri u tal-imsieħba soċjali li jiddeterminaw il-modalitajiet dettaljati tal-oqfsa tagħhom għall-iffissar tal-paga minima, u b'mod partikolari l-livell tal-paga minima tagħhom, f'konformità mat-Trattat.

Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni tistabbilixxi qafas, tħalli b'mod ċar lill-Istati Membri jew lill-imsieħba soċjali liberi li jistabbilixxu livelli tal-paga minima. Hija eżattament din il-libertà ggarantita bl-Artikolu 153(5) TFUE.

³ Ara t-Taqsima 3.1 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta.

⁴ Eż. Il-Kawza C-268/06, Impact, punti 124-125; Il-Kawza C-307/05, Del Cerro Alonso, punt 41

B'konklużjoni, meta fasslet il-proposta tagħha, il-Kummissjoni kellha rispett sħiħ lejn il-limitazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 153(5) TFUE.

L-Artikolu 4 dwar in-negozjar kollettiv

Id-dispożizzjonijiet dwar il-promozzjoni tan-negozjar kollettiv li jinsabu fl-Artikolu 4 ġew inklużi fil-Proposta bħala mezz biex tikseb l-objettiv tagħha, jiġifieri li tiżgura l-protezzjoni tal-pagi minimi fl-UE. F'dan is-sens, dawn id-dispożizzjonijiet huma anċillari għaċ-ċentru tal-gravità tal-Proposta. L-analiżi li tinsab fil-valutazzjoni tal-impatt turi li fil-fatt, hemm tendenza li l-Istati Membri li fihom in-negozjar kollettiv huwa mifrux sew (aktar minn 70 %) ikollhom sehem baxx ta' ħaddiema b'pagi baxxi, inqas inugwaljanzi tal-pagi, u pagi minimi oġhla⁵.

Id-Direttiva proposta tirrikonoxxi r-rwol importanti tan-negozjar kollettiv għall-protezzjoni adegwata tal-paga minima u titlob lill-Istati Membri kollha biex jieħdu azzjoni biex jippromwovu n-negozjar kollettiv kif meħtieġ. B'kopertura tan-negozjar kollettiv ta' anqas minn 70 %, l-Istat Membru kkonċernat ikollu jipprovdi qafas ta' kundizzjonijiet abilitanti, permezz tal-liġi jew inkella permezz ta' ftehim mal-imsieħba soċjali, u jistabbilixxi pjan ta' azzjoni għall-promozzjoni tan-negozjar kollettiv.

It-tfassil tal-qafas u tal-pjan ta' azzjoni se jkun kompletament f'idejn il-pajjiżi individwali, b'rispett sħiħ tal-partikolaritajiet u t-tradizzjonijiet nazzjonali u tal-awtonomija tal-imsieħba soċjali, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet ekonomiċi u l-iżvilupp ta' kull pajjiż. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tissottolinja li l-Istati Membri jkun jeħtiġilhom li jfasslu l-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom b'tali mod li jaħdmu favur l-għan tal-Artikolu 4 b'mod effettiv.

Ir-referenza għal rata ta' kopertura tan-negozjar kollettiv ta' 70 % li tinsab fil-Proposta mhijiex mira, iżda xprun biex l-Istati Membri jieħdu azzjoni. Għaldaqstant, dan l-element ġie vvalutat fil-Valutazzjoni tal-Impatt flimkien mal-miżuri l-oħra li jinsabu fis-sensjela ta' miżuri li jappartjeni għalihom (il-Pakkett B), bil-ħsieb li jitqabblu l-għażliet ta' politika kkunsidrati għall-inizjattiva⁶. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tissuġġerixxi li l-miżura li tintroduċi rata ta' kopertura tan-negozjar kollettiv ta' 70 % bħala xprun għall-azzjoni jista' jkollha impatt dirett biex tiżdied il-kopertura f'għadd ta' Stati Membri. Dan, min-naħa tiegħu, mistenni li jkollu impatt pożittiv indirett fuq l-adegwatezza tal-pagi minimi fl-Istati Membri b'kopertura tan-negozjar kollettiv baxxa, minkejja li d-daqs ta'dan l-impatt se jkun jiddependi fuq l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri. Dawn il-miżuri mistennija li jġibu magħhom xi benefiċċji għas-soċjetà, iżda mhumiex mistennija jwasslu għal impatti soċjali sinifikanti. Jistgħu jinqalgħu spejjeż żgħar ta' darba għall-baġits pubbliċi fil-każ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jipprovdu qafas ta' kundizzjonijiet abilitanti, u biex jistabbilixxu pjan ta' azzjoni għall-promozzjoni tan-negozjar kollettiv.

⁵ Ara l-Valutazzjoni tal-Impatt, Anness 9.

⁶ Ara t-Taqsima 6 u l-Anness 12 tal-valutazzjoni tal-impatt.

Barra minn hekk, jistgħu jitfaċċaw xi spejjeż mill-promozzjoni tal-bini tal-kapaċità għall-imsieħba soċjali, skont l-ammont ta' fondi li l-Istati Membri jagħżlu li jiddedikaw.

Finalment, il-Kummissjoni tieħu nota tajba ta' dak li ntqal fl-Opinjoni rigward il-funzjonament tajjeb tan-negozjar kollettiv f'Malta. Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li fil-każ li Stat Membru jsib li l-liġi jew il-prattika eżistenti diġà tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-Direttiva, dan għandu jiġi nnotifikat matul il-proċess ta' traspożizzjoni.

Kriterji u valuri ta' referenza fl-Artikolu 5

L-objettiv ġenerali tal-Proposta huwa li tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-paga minima fl-Unjoni. L-Istati Membri jkunu liberi li jiddeċiedu b'liema mezzi jilħqu dan l-objettiv, f'konformità mat-tradizzjonijiet u l-prassi nazzjonali u fil-qafas tar-rekwiżiti proċedurali minimi stabbiliti fil-Proposta.

Bil-ħsieb li tiġi appoġġata l-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji, l-Artikolu 5(2) tal-abbozz ta' Direttiva jelenka erba' kriterji li għandhom tal-anqas jitqiesu meta jiġu stabbiliti u aġġornati l-pagi minimi statutorji.

Madankollu, l-Artikolu 5(2) iħalli ħafna flessibbiltà lill-Istati Membri għall-mod kif jiddeterminaw il-kriterji nazzjonali, u l-aktar mod xieraq biex japplikawhom fid-dawl tal-prassi nazzjonali u l-kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi. L-Istati Membri huma liberi wkoll li jqisu kriterji addizzjonali, bħall-impatt fuq l-impjiegi u l-kompetittività.

Skont l-Artikolu 5(3) tal-Proposta, għandhom jitqiesu l-valuri referenzjarji biex jiggwidaw il-valutazzjoni tal-adegwatezza statutorja tal-paga minima. Filwaqt li l-Proposta tirreferi għal indikaturi indikattivi relatati mal-pagi grossi, l-Istati Membri jibqgħu ħielsa li jiddeċiedu liema indikaturi u valuri referenzjarji għandhom jużaw, fid-dawl tal-prassi nazzjonali u l-kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi.